# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**Vs**

**Brigitte Gauci**

Illum, 28 ta' April, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Brigitte Gauci, ta' 40 sena, bint Nazzareno u Carmela nee' Baldacchino, imwielda Pieta', fil-11 ta' Marzu 1976, residenti 20, Alshar, Triq Warsbergh, Gudija, detentrici tal-karta tal-identita' numru 172576 M giet akkuzata talli f' dawn il-Gzejjer, f' Gunju 2011 u fix-xhur u snin ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda b' mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezitenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh ta' aktar minn hamest elef ewro (€ 5000) bi hsara ta' Joseph Farrugia I.D. 267870 M.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat il-fedina penali netta tal-imputata.

Rat li fis-seduta tal-27 ta' Frar, 2016 il-Qorti issollecitat lil partijiet sabiex jezeminaw il-process sabiex jekk ikun hemm xi diskrepanzi jingiebu quddiem din il-Qorti kif preseduta. Il-partijiet jaqblu li ma hemmx ghalfejn jerghu jigu ezentati milli jergghu jipprezentaw kwalsiasi atti u dokumentazzjoni ohra diga' pprezentati quddiem il-Qorti diversament preseduta.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2019 l-Ispettur Xuereb qrat l-akkuzi u sar l-ezami tal-imputata li rispondiet li ma hijiex hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2019 l-Qorti tat digriet tal-prima facie u l-atti gew rinvijati lil Avukat Generali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Spettur Ann Marie Xuereb; ta' Jonathan Ferris; tal-Ispettur, illum Kummissarju Angelo' Gafa'; ta' Dr Frank Attard Camilleri u Eunice Grech Fiorini fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2019; ta' Joseph Farrugia fis-seduti tal-10 ta' Dicembru, 2020 u tas tas-16 ta' Frar, 2021; ta' Dr Mark Busuttil fis-seduti tas-16 ta' Frar, 2021 u tal-13 ta' Lulju, 2021; ta' Carmen Knaus fis-seduti tat-2 ta' Gunju, 2021 u tad-9 ta' Novembru, 2021; ta' Carmela Farrugia u ta' Paskal Farrugia li xehedu fis-seduta tal-9 ta' Novembru, 2021; ta' Daniel Felice u ta' Abigail Felice li xehdu fis-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2021; tan-Nutar Joseph Debono fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2022; tal-Kummissarju Angelo Gafa fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2022 llkoll prodotti mill-Prosekuzzjoni; rat li fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2023 xehedet l-imputata Brigitte Gauci.

Rat illi fis-seduta tal-16 ta' Frar, 2021 z-zewgt partijiet ezentaw lix-xhud Dr Mark Busuttil mis-sigriet professjonali.

Rat li fis-seduta tal-9 ta' Novembru, 2021 Dr Libreri jiddikjara li odjernament qed jihder fil-proceduri prezenti bhala l-avukat tax-xhud Carmen Knause stante l-mewt tal-parte civile Joseph Farrugia.

Rat li x-xhieda ta' Carmen Knause tal-20 ta' Awwissu, 2021 ma gietx irrekordjata, l-partijiet qablu li x-xhud ghandha terga' tinstema.

Rat li l-ispettur Micallef titlob illi Dr Liberi jitla' jixhed ghar-rigward Dok AB li kien gie ipprezentat minn Dr Mark Busuttil halli jispjega taht liema cirkostanzi inhareg. Dr Zammit Tabona ghall imputata toggezzjona in vista tal-fatt li Dr Libreri kien l-avukat tal-parte civile Joseph Farrugia u kien prezenti matul il-proceduri odjerni meta xehdu x-xhiedha kollha waqt is-seduta. Il-Qorti tichad it-talba.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 28 ta' Gunju, 2002 fejn wara li l-atti tal-Kumpilazzjoni maghmulin kontra Brigitte Gauci billi jihdrilu illi mill-Kumpilazzjoni hawn fuq imsemmija tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak mahsub fl-artikoli 308, 309, 310 (1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikoli 18, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta iddecieda illi kif hemm mahsub fl-artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jibghat lil imputat sabiex jigi gudikat mill-Qorti hawn fuq imsemmija.

Rat li fis-seduta tal-1 ta' Marzu, 2022 gew moqrija l-artikoli u l-imputata qed taccetta li tigi gudikata minn din il-Qorti kif preseduta. F' dan l-istadju l-Qorti ikkonvertiet ruhha f' Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Gunju, 2022 l-Prosekuzzjoni iddikjarat il-provi maghluqa;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti, ix-xhieda u d-dokumenti relevanti kollha.

Ikkunsidrat

Xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni

**Supretendent Angelo Gafa** xehed fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2018[1]. Jixhed li dan il-kaz beda wara li kienu ircevew kwerela ffirmata minn l-Avukat Dr. Albert Libreri ghan-nom ta' Joseph Busuttil datata 13 ta' Frar, 2012. Dak iz-zmien ix-xhud kien spettur gewwa t-Taqsima ta' Kontra r-Reati Ekonomici. Fil-kwerela kien qed jallega frodi mill-mara tal-istess kwerelant Brigitte Farrrugia ghad-dannu ta' Farrugia bil-komplici tal-Avukat Dr Mark Busuttil. Mill-investigazzjoni preliminari irrizulta li l-koppja Joseph u Brigitte Farrugia kienu separaw legalment permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Gunju, 2006 pubblikat min-Nutar Dr. Joseph Debono u l-Avukat Busuttil kien l-avukat taghhom it-tnejn. Joseph Farrugia kien spjega li meta inqara d-draft tal-kuntratt kien oggezzjona li l-propjeta' 78, fi Triq San Leonardu, Kirkop, tigi assenjata lil mara u skont Joseph Farrugia l-avukat kien qallu li jekk din il-klawzola tibqa' fil-kuntratt is-separazzjoni kienet timxi b' mod aktar spedenti. Fuq il-post ta' Hal Kirkop kien ghad fadal dejn ta' Lm 15,000 dovuti lil genituri ta' Joseph Farrugia kif ukoll Lm 1500 lil HSBC. Allura f' dan ir-rigward kienet inkitbet skrittura privata kif kellhom jithallsu (Dok. B). Din l-iskrittura kienet issegwi l-oggezzjonijiet ta ' Joseph Farrugia u fiha kien hemm dikjarat li wara li tinbiegh il-propjeta' jinqatghu d-djun u d-differenza tinqasam bejn tnejn. Joseph Farrugia kien ikommetta ruhu li jhallas Lm 40,000 bhala manteniment ghat-tfal. il-Kuntratt ta' separazzjoni gie iffirmat imma l-partijiet ma rcevewx kopja ta' din l-iskrittura. L-kuntratt ta' separazzjoni u l-iskrittura provata gew iffimati t-tnejn fit-12 ta' Gunju, 2006.

F' Mejju 2011 Joseph Farrugia sab bejgh tal-propjeta' imma meta kellem lil imputata din qaltlu li ma kellu ebda' sehem mil-propjeta'. Kien dak iz-zmien li Joseph Farrugia kellem lil avukat biex jaghtih kopja tal-iskrittura u inqalghat glieda bejniethom u skont Joseph Farrugia l-avukat Busuttil tah il-file b' kollox.

Il-pulziija ghamlet rikors il-Qorti tal-Familja sabiex ikollhom access ghall-atti. L-iskrittura privata ma kienitx tifforma parti mill-atti.

Fl-14 ta' Gunju, 2012 l-Magistrat tal-Ghassa kien laqa' t-talba ghal mandat ta' arrest u tfittixija fil-konfront tal-imputata u l-avukat, it-tnejn inghataw d-debita twissija u t-tnejn irrifjutaw id-dritt ta' assistenza legali. Skont l-avukat l-partijiet apparti l-kuntratt ta' separazzjoni xtaqu jaghmlu skrittura privata u l-partijiet xtaqu li din l-iskrittura tinzamm ghand l-avukat u johrogha biss bil-kunsens taz-zewgt partijiet. L-avukat

[1] Fol 89 sa 109

cahad dak li kien qal l-Farrugia u li ma kellu ebda' interess b' xi mod jew iehor jinganna lil Farrugia u irriserva d-dritt li jiehu proceduri kriminali kontra l-istess Joseph Farrugia. L-avukat ezebixxa emails li bgharlu Joseph Farrugia biex jaghtih l-iskrittura u hu kien jirrifjuta ghaliex l-ewwel ried il-kunsens tal-mara.

L-imputata, li qed jaghraf fl-awla kienet giet interrogata ukoll. Hija stqarret li kienet kellmet lil avukat Busuttil qabel ma marru flimkien u li kienet inkitbet ittra ghan-nom taghha li qatt ma tat lil zewgha. Susswgentement peress li l-affarijiet iddeterjoraw bejn il-konjugi u ddecidiet li tipprocedi bis-separazzjoni u marru flimkien ghand l-avukat. Hija stqarret li Joseph Farrugia kien qabel fuq kollox basta ittieh access ghat-tfal. Kellhom meeting iehor mal-avukat li qralhom l-abbozz tal-kuntratt u kienu ftehmu fuqu. Meta kienu sejrin lura d-dar Joseph Farrugia biddel il-hsieb u staqsa lil martu jekk kienitx lesta taghtih parti mill-flus mill-eventwali bejgh u kien qalilha li jekk hija lest taghtih sehmu huwa kien lest jaghtiha Lm 40,000 bhala manteniment ghat-tfal. Hija ma oggezzjonatx ghal dan. Qalet ukoll li kienet infurmat flimkien mar-ragel taghha lil avukat Dr Busuttil staqsiehom jekk iridux idahhlu din il-klawzola fil-kuntratt ta' separazzjoni u skont Bigitte Farrugia r-ragel taghha kien taha struzzjonijiet lil avukat sabiex ipoggi din il-klawzola fi skrittura privata ghaliex ma kienx ghadu cert mill-intenzjonijiet tieghu. Skont Brigitte Farrugia l-avukat kien qalilhom li din l-iskrittura ma kellha ebda' sahha u l-istruzzjonijiet kienu li l-avukat kellu jzomm din l-iskrittura privata huwa u setghu jaccedu biss jekk kienu ha jmorru ghal medjazzjoni, xi haga li qatt ma ghamlu.

F' dik l-interogazzjoni ta' Brigitte Farrugia kien gie stabilit ghal ewwel darba li l-propjeta' inbieghget lil terzi persuni ghal prezz ta' € 233,000. Fil-fatt kienu gabu l-kuntratt ta' bejgh datat 9 ta' Marzu 2012 ippublikat minn Nutar Pubbliku Dr. Tonio Spiteri u qabel dak fis-7 ta' Ottubru 2011 kien gie iffirmat il-konvenju rispettiv bejn Brigitte Farrugia u x-xerreja Daniel Felice u martu Abigail Felice. Brigitte Farrugia ikkonfermat li l-flus tal-bejgh tal-propjeta' zammiethom kollha hi.

Hi qalet li dan ghamlitu ghaliex skont kif qal l-avukat l-iskrittura privata ma kellha ebda' validita u kien intenzjonata biss sabiex jinbdew proceduri ta' medjazzjoni f' dak il-perijodu, xi haga li qatt ma grat.

Meta kellmu lil xerreja kienu qalu li xi hadd kien tahom in-numru ta' missier Brigitte Farrugia u mbghad ghamlu l-kuntatt maghha.

Ikkonfermaw li kienu ghaddew is-somma ta' € 233,000 lil Farrugia u dan wara li kienu inqatghu d-djun mal-HSBC fl-ammont ta' € 4,936.17 u l-kumplament zammithom Farrugia. Ix-xhud xehed

> *"wara li rajna dan kollu . . . li jiena kont kkonkludejt li kien difficli nipprovaw il-kaz kriminali kontra xi hadd apparti li ridna nippruvaw l-actus reus, riedna ukoll nippruvaw l-intenzjonijiet l-mens rea li allura jiena kont ktibt li kien kien difficli nippruvaw il-kaz kemm kontra Mark Busuttil, kif ukoll kontra Brigitte Farrugia. Kont stqarrejt ukoll li Joseph Farrugia li l-professjoni tieghu hija ta' Marketing Manager kien jaf x' inhu jaghmel, qara l-affarijiet, iffirma ghaliehom seta' jwiezen il-konsegwenzi ta' dak li kien qed jiffirma ghaliha bi klawzoli kontrastanti u ahna dak iz-zmien rajna li kien hemm iktar weight ghal verzjoni li dan kellu rimors ghal dak li ghamel u kien allura qabel li jaghti nofs il-propjeta' cioe' s-sehem tieghu lil martu. "*

Wara dan kienu marru ghand l-avukat generali, hadu l-pariri necessarji, u l-kaz kien inghlaq.

Sussegwentement infethu proceduri ta' challenge.

Jikkonferma d-dokumenti u jikkonferma l-firma tieghu.

Ma kienx hemm allegazzjoni li l-firem fuq l-iskrittura privata kienu foloz.

Ma kellux ghalfejn jihdol fuq kemm inbiegh il-propjeta'.

Ix-xerrej Daniel Felice gie mitkellem imma mhux investigat. Hija prattika tieghu li jiehu dikjarazzjoni bil-miktub imma fl-ebda' moment ma suspettaw xi haga fil-konfront tal-kopja Felice. Jikkonferma li kwalunkwe dikjarazzjoni li ttiehdet lil Felice ma ttiehdet that ebda' twissija, taht ebda' caution.

Huma fl-ebda' stadju ma verifikaw il-valur fuq is-suq tal-propjeta' li nbieghet ghaliex ma kienx mertu ta' l-investigazzjoni.

**Eunice Grech Fiorini,** Registratur tal-Qorti, xehdet fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2018[2]. Tezebixxi kopja legali tad-digriet moghti mill-Imhallef Antonio Mizzi fl-atti tar-rikors Joseph Farrugia vs Kummissarju tal-Pulziija (Dok . EGF)

---

[2] Fol. 110 sa 111

**Dr. Frank Attard Camilleri,** koordinatur ta' l-Medjazzjoni, fil-Qorti tal-Familja, xehed fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2018[3]. Jipprezenta vera kopja tan-nota 575 ta' l-2006 fl-ismijiet "Joseph Farrugia vs Brigitte Farrugia" inkluz id-digriet numru 873 ta' l-2006 moghti mill-Qorti tal-Familja fejn il-partijiet gew awtorizzati sabiex jipprocedu ghal iffirmar ta' l-kuntratt ta' separazzjoni.

**Jonathan Ferrris** xehed fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2018[4]. Ma kienx l-ufficjal investigattiv, l-file kien gie investigat minn Angelo' Gafa'. Kienu ircevew challenge rigwardanti l-kaz. Jikkonferma l-firma tieghu fuq id-dokumenti ezebiti.

**Spettur Anna Marie Xuereb** xehdet fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2018[5]. Tezebixxi l-kwerela datata 13 ta' Frar, 2012 li kienet intbghatet minn Dr Albert Libreri ghan-nom tal-klijent tieghu Joseph Farrugia (Dok AMX 1). Il-ftehim bejn Joseph Farrugia u Brigitte Farrugia (Dok AMX 2), digriet moghti mill-Imhallef Antonio Mizzi fir-rikors fl-ismijiet Joseph Farrugia vs il-Kummissarju tal-Pulizija li huwa challenge. Dok AMX 4 huma l-atti tac-challenge fl-istess ismijiet. Sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Anthony Vella. Kuntratt ta' bejgh pubblikat minn Nutar Dr Tonio Spiteri datat 9 ta' Marzu, 2012 (Dok AMX 5); ftehim datat 7 ta' Ottubru, 2011 bejn Brigitte Farrugia u Daniel Felice (Dok AMX 6); dikjarazzjoni tar-rifjut li jkollok assistenza legali li kien inghata dak iz-zmien mill-Ispettur Angelo Gafa' lil Brigitte Farrugia fil-prezenza tas-Surgent Norbert Said u l-ex Spettur Jonathan Ferris. Brigitte dak iz-zmien kienet Farrugia issa giet Gauci (Dok. AMX 7). L-istqarrija li ttiehdet lil Brigitte Farrugia fl-24 ta' Gunju, 2012 mill-Ispettur Angelo Gafa' (Dok AMX 8); korrispondenza mibghuta minn naha tal-bank APS (Dok. AMX 9); chits moghtija mill-APS Bank (Dok. AMX 10); korrispondenza mibghuta mill-bank BOV (Dok. AMX 11).

---

[3] Fol. 112 sa114
[4] Fol. 115 sa 120
[5] Fol. 121 sa 123

**Joseph Farrugia** xehed fis-seduta tal-10 ta' Dicembru, 2020[6]. Jixhed li hu kien mizzewweg lil imputata u li huma separati u li z-zwieg taghhom kien gie dikjarat null. Ilhom separati mis-sena 2006 u l-annullament inghata xi sentejn wara.

Ghas-separazzjoni kienu assisti minn avukat wiehed, Dr Mark Busuttil. Jixhed li meta l-avukat beda jhejji l-abbozz tas-separazzjoni ma kienx qabel ma certu affarijiet li huma li jassenja d-dar u kienu t-tort kollu hu. Dwar l-iskrittura privata jixhed li li ma kienx jaf li mhux ser tigi insinwata.

Iffirmaw iz-zewgt dokumenti fl-istess gurnata kemm il-kuntratt ta' separazzjoni kif ukoll l-iskrittura privata. Il-kuntratt gie iffirmat minnu, mill-imputata u min-nutar uu l-iskrittura privata giet iffirmata minnu, l-imputata u l-avukat Busuttil.

Wara li rcieva kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni d-dar kien mar xi erba' darbiet l-ufficju tieghu sabiex jinghata kopja tal-iskrittura.

Darba minnhom kien ha ghand l-avukat ukoll lil genituri tieghu li skont hu kienu staqsewh ghalfejn ma kienx hemm imnizzel id-dejn li kien dovut lilhom u ghaliex assenja d-dar lil Brigitte. L-avukat kien jghidlu li l-iskrittua ma tistax tohrog minn hemm.

Jixhed li kien sab bejgh tad-dar lil certu Stefan Calleja u kien ftiehem mieghu biex isir l-att tal-konvenju imma Brigitte ma pprezentatx ruhha ghal dan il-konvenju. Mbghad mar ikellem lil Dr Busuttil. Skont hu u l-imputata baqghu jikkomunikaw normali. Wara li ma pprezentatx ruhha ghal konvenju t-ton taghha inbidel. Induna ukoll li kienet biddlet is-serratura tal-bieb.

Fuq il-post mertu tal-proceduri, dan ma kienx lest u qatt ma qaghdu fih ghaliex ma kienx lest.

Kien ha parir minghand avukat iehor u kien gie stabilit li l-iskrittura privata ma kienitx insinwata. L-avukat l-gdid kien qallu biex igib kopja taghha. Mar mal-parter tieghu ul-ufficju tal-avukat Busuttil u inqalghet kommozzjoni l-ufficju u l-avukat tah il-file f' idejh.

Wara li kellu l-iskrittura f' idejh, kien mar ghand l-avukat Cuschieri li kien ghamel inibizzjoni fuq il-post li ma kienitx intlaqghet. U mbghad kien mar ghand l-avukat Dr Albert Libreri u bdew dawn il-processi.

---

[6] Fol. 179 sa 199

Hemm ukoll kawza il-Qorti tal-Familja fejn qed jitlob li l-iskrittura privata tigi inserita fil-kuntratt ta' separazzjoni.

Kien mar ikellem lin-nies li kienu gewwa l-post ta' Hal Kirkop, u kienu ikkonfermaw mieghu li l-post kienu xtrawh minghand l-imputata. Wara li saru r-ricerki sab li l-post kien inbiegh Lm 100,000 minn Brigitte Farrugia. Jaghraf il-kuntratt ezebit a fol. 41 tal-process. Permezz ta' dan il-kuntratt id-dejn mal-bank kien spicca. Il-genituri tieghu ghadhom iridu jithallsu Lm 15,000. Hu ma hax sehem mir-rikavat tal-post.

Fuq il-manteniment ghat-tfal dan baqa' jhallsu sakemm instab il-kuntratt. Kif sar jaf li l-kuntratt inbiegh ghamel kwerela u kien inqata li m' ghandux jaghti aktar manteniment.

Wara dan il-mara ma ghamlet ebda' talba biex jithallas il-manteniment.

Fis-seduta tas-16 ta' Frar 2021[7] ix-xhudipprezenta l-kuntratt ta' meta nxtrat id-dar gewwa Hal-Kirkop kuntratt datat 12 ta' Marzu 2001 (Dok JF – fol. 207 sa 217)

**L-Avukat Dr. Mark Busuttil**[8] xehed fis-seduta tal-16 ta' Frar, 2021. Lil partijiet jafhom u qed jaghrafhom fl-awla. Fuq il-mertu ta' din il-kawza jixhed li l-ewwel li kienet kellmitu kienet Mrs Farrugia fis-sena 2006, kienet giet wehedha fuq problemi matrimonjali. Fuq inkarigu taghha kiteb ittra indirizzata lil zewgha fuq il-kwistjoni tas-separazzjoni, din l-ittra qatt ma ntbghatet ghaliex kien hemm intendiment li ser issir separazzjoni bonarja. Il-partijiet kienu ser jisseparaw bonarja u qabdu lilu bhala avukat biex jassistiehom. Kienu diskutew bejneithom il-kundizzjonijiet tas-separazzjoni u gie ippreparat abbozz ta' kuntratt ta' separazzjoni.

Imbghad kienu gew flimkien f' wiehed mill-ufficji tieghu u kienu diskutew bejniethom il-pozizzjoni fil-prezenza tieghu.

Il-partijiet xtaqu ghar-ragunijiet taghhom li ssir karta privata u din il-karta giet ippreparata bil-kunsens taghhom, moqrija lilhom bl-accettazzjoni taghhom it-tnejn u giet iffirmata wara l-kuntratt ta' separazzjoni. Giet iffirmata mit-tnejn quddiemu.

Il-kuntratt gie iffirmat fit-12 ta' Gunju, 2006 u fis-26 ta' Frar, 2008 kien bghatlu email l-*parte civile* (a fol. 247).

[7] Fol. 206 A sa 206 C
[8] Fol. 218 sa 246

Fil-21 ta' Gunju, 2011 l- kien talbu appuntament rigwardanti l-iskrittura privata li kienet fil-file tieghu u li kienu ser ikunu prezenti l-gentituri tieghu, permezz ta' text message. (fol. 248 transcription tal-sms maghmulha mix-xhud stess). Kienu gew ghal appuntament u qralhom l-iskrittura, s-Sur Joseph Farrugia kien talab kopja taghha u hu rrifjuta li jaghtiehlu ghaliex kellhom ituh il-kunsens iz-zewgt konjugi biex tigi rilaxxata kopja. Waqt l-appuntament dahlet mara li wara rrizulta li kienet Carmen Knaus, il-partner tal-parte civile, u inholqot komozzjoni u l-avukat qala daqqa ta' ponn minghand din il-mara. Fil-kommozzjoni l-file ittiehed mill-parte civile minghajr il-kunsens tal-avukat. Ix-xhud ghamel rapport fuq dan l-incident fit-2 ta' Lulju, 2011. Sussegwentement kienu cemplulu mill-berga tal-Mosta li kien instab folder li fih kien hemm dokumenti bil-letterhead tieghu, id-dokumenti f' dan il-folder kien jirrigwardja l-partijiet. Kien hemm ukoll xi ricevuta li zgur ma kienitx fil-file tieghu.

Fuq dan il-kaz hu kien gie mitkellem minn dak iz-zmien Spettur Angelo Gafa' fil-24 ta' Gunju, 2012.

Jikkonferma li Dok AMX 2 a fol. 19 tal-process hija l-iskrittura li kien qed jaghmel referenza ghalieha. Jaghraf il-firma tal-partijiet li ffirmaw huma stess wara li giet moqrija. Kienu iffirmaw fil-prezenza tieghu wara li giet moqrija l-iskrittura privata bil-kunsens u approvazzjoni taghhom stess. Hemm il-firma tieghu bhala xhud tal-firma.

Fit-13 ta' Lulju 2021 ix-xhudipprezenta sett ta' dokumenti li kienu instabu fil-folder li instab fil-berga tal-Mosta. L-iskrittura orginali ma kienitx fost id-dokumenti u kien hemm fotokopja. Fil-file kien hemm dokumenti ohra li ma kienux fil-file tieghu originali. Jixhed li l-istruzzjonijiet li tawh biex ma johrogx l-iskrittura kienu verbatim

Jixhed li meta intalab kopja tal-iskrittura minghand Joseph Farrugia huwa ma ikkunttatjax lil Brigitte u huwa ma ikkunttjahiex u halla f' idejh biex ikellimmha

Jiftakar li darba kienu gew flimkien l-ufficju tieghu Brigitte u Joseph Farrugia fuq xi bejgh u bdew jitghajru u jiggieldu u hu haseb li hemm l-inkwiet. Imbghad Joseph Farrugia bghatlu l-sms biex jara l-iskrittura.

**Carmen Knauss** xehdet fis-seduta tat-2 ta' Gunju, 2021[9]. Hija l-gharusa ta' Joseph Farrugia. Tikkonferma li kienet marret l-ufficju ta' Dr Mark Busuttil flimkien mal-partner taghha u l-genituri tieghu. dak in-nhar kienet inqalghet kommozzjoni fl-ufficju.

[9] Fol. 274 sa 285

ix-xhud regghet xehdet fis-seduta tal-9 ta' Novembru, 2021. [10] Tixhed li Joseph Farrugia kien sab il-bejgh tal-post li skont hi kellu mal-imputata.

Fuq dak in-nhar tal-appuntament fl-ufficju tal-avukat tixhed li hi kienet semghet xi kliem bejn l-avukat u Joseph Farrugia u l-genituri ta' Farrugia kienu kwieti. Tikkonferma li kienet hi li qalet lil Joseph biex jiehu l-file.

**Carmela Farrugia xehdet fis-seduta tal-9 ta' Novembru, 2021.** [11] Ix-xhud hija omm Joseph Farrugia, il -parte civile, li miet fil-mori ta' dawn il-proceduri. Taf li t-tifel taghha kellu kawza l-Qorti fuq xi flus tal-post li kienu xtraw bejniethom hu u l-imputata. Meta kienu ghadhom mizzewgin kien inxtara post gewwa Hal Kirkop u hi u zewgha kienu selfuhom Lm 20,000 meta gew biex jixtru l-post u kellhom jithallsu bil-mod minghajr imghax. Imbghad il-post imbiegh minghajr ma Joseph Farrugia kien jaf u fetah kawza l-Qorti. Ma hemm ebda' skrittura ta' dejn bejniethom.

Fuq il-flus li kien ghad fadal jithallsu lilhom tixhed li hi u zewghha kienu marru ghand avukat iehor biex jiehdu parir fuq dawn il-flus u kienu iddeciedew li ma riedux jifthu kawza ghax it-tnejn ma jifilhux jikkombattu ghal dawn l-affarijiet. Ir-relazzjoni taghhom ma l-imputata llum hi tajba. Fuq il-flus li huma dovuti lilhom tikkonkludi

***"Issa l-flus ghadhom hemm imma ahna habba t-tfal ma rridux inkomplu fhimtu ma rridux inkomplu da l-inkwiet jekk trid ittohomna u hekk dan ahna nahfrulhom, fhimt."***[12]

**Pascal Farrugia** xehed fis-seduta tal-9 ta' Novembru, 2021[13]. Mizzewweg lil Camen Farrugia, missier il-mejjet Joseph Farrugia, il-parte civile. Jikkonferma dak li xehedet martu Carmen Farrugia li dak li jirrigwardha lilhom ma tantx ghadhom interessati fiha.

Illum jixtiequ li jitrangaw kollox ghaliex kemm jista' jkun ma jridux jitilfuhom lit-tfal.[14]

Li jixtiequ li dawn il-flus jitqassmu bejn it-tlett nepputijiet (tnejn ta' Joseph Farrugia u nepputi iehor li ghandhom)

---

[10] Fol. 414 sa 437
[11] Fol. 440 sa 448
[12] Fol. 447
[13] Fol. 449 sa 453
[14] Fol. 452

**Daniel Felice,** xehed fis-seduta tal-9 ta' Novembru, 2021[15]**.** Fis-sena 2021 kien xtara propjeta' minghand Brigitte Gauci, l-imputata li qed jindika fl-awla. Il-propjeta' ghandha l-indirizz 78, Triq San Leonardu, Kirkop. Meta xtara dan il-post kien iltaqa' ma Brigitte biss u fuq il-kuntratt ta' bejgh deheret l-imputata wehedha. Lil Joseph Farrugia kien iltaqa' mieghu wara li nxtara l-post. Wara li kelmuh il-genituri ta' Farrugia huwa kien ikkonferma man-nutar tieghu ta' dak iz-zmien, in-Nutar Tonio Spiteri, li iskont ir-ricerki l-post kien jappartjeni lil imputata wehedha. Jezebixxi kopja tal-konvenju u kopja tal-kuntratt (Dok DF 1 u Dok DF 2). Il-post kien xtrah mal-mara tieghu Abigail Felice.

**Abigail Felice,** xehedet fis-seduta tad-9 ta' Novembru, 2025.[16] Hija xtrat il-propjeta' 78, Triq San Leonardu Kirkop flimkien ma zewghha Daniel Felice. Tikkonferma li kien baghat ghaliehom l-ispettur. . Tikkonferma dak li xehed zewgha fix-xhieda tieghu.

**In-Nutar Dr Joseph Debono,** xehed fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2022. Ix-xhud huwa n-Nutar li pubblika l-kuntratt ta' separazzjoni kif awtorizzat mil-Qorti tal-Familja fit-12 ta' Gunju 2006. Ix-xhud ezebixxi kopja awtentitkata tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 12 ta' Gunju 2006 li sar bejn il-partijiet Joseph Farrugia u Brigitte Farrugia. (Dok JB). L-involviment tieghu kien limitat ghal publikazzjoni tal-att ta' separazzjoni li ikun redatt mill-avukat. Il-kuntratt kien gie awtorizzat mill-Qorti. Ma jiftakarx il-partijiet.

Jekk xi hadd ikun tkellem waqt il-kuntratt li mhux qed jaqbel ma assenjazzjoni tal-propjeta' hu jieqaf u l-kuntratt ma jigiex ippubblikat u jirritornah hu lil Qorti kompetenti.

**Il-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa'** xehed fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2022.

Dak iz-zmien kien l-ufficjal investigatur.

Mistoqsi in kontro-ezami. Jixhed

---

[15] Fol. 486 sa 492
[16] Fol. 494 sa 499

*"Xhud: Le jiena kont ikkonkludejt li ma kienx hemm provi biex jittiehdu proceduri kriminali provi li jmorru lil hinn mid-dubju dettat mil-ligi kont ikkonsultajt mal-avukat generali u l-avukat generali dak iz-zmien Dr. Lara Lanfranco kienet qablet mieghi u allura minn naha taghana ahna konna ghedna ma hemmx kaz kontra iz-zewg persuni indikati u cioe Dr. Mark Busuttil u Brigitte Farrugia."*

Sussegwentement kien hemm procedura ta' challenge li mid-dokumenti jirrizulta li nbdew fis-sena 2013. Fis-sena 2014 huma ma baqax strazzjonat mal-economic crimes unit u ma baqax involut fil-kaz.

<u>Provi prodotti mid-difiza</u>

**Brigitte Gauci,** l-imputata, xehdet fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2022. Kienet mizzewgha lil Joseph Farrugia.

Xi sentejn qabel kienet marret ghand Dr Mark Busuttil sabiex tibda' l-proceduri ta' separazzjoni imma kienet iddecidiet li ma tipprocediex. Kienet hbiet l-ittra li baghat l-avukat lil zewgha.

Il-problemi matrimonjali bdew wara li twieled it-tieni wild wara li saret taf bl-infedelta' da parti ta' zewgha li kien ammetta maghha. Kienu iddecidew li jaghmlu separazzjoni konsenswali u kienu marru flimkien ghand l-avukat Busuttil.

Zewgha kien dispjacut b' dak li ghamel u kienu ftehmu fuq is-separazzjoni fl-ufficju tal-avukat. Wara zewghha kien qallha wehedha li ried xi haga u kienu kellmu lil avukat. Tixhed:-

> "u qallu niftakar Dr Busuttil qallu imma inti trid xi haga qallu ara qallu ha nghidlek qallu propjament qisni ma rrid xejn qallu jiena narea t-tfal irid jiena fuq li ghamiltilha ghamiltilha wisq u niftakar ghamilna karta iffirmajtha anki' jiena qaka hu qalla ara ha nghidlek ara ha naghmililkhom din qallu issa jekk tridu tiddeciedu temendawha fil-kuntratt qallu ejja fi zmien qasir u nemendaha pero."

L-iskrittura privata ffirmawha fl-istess gurnata li gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni .

Tixhed li ommu u missieru qatt ma talbuha flus lilha qatt, qatt ma riedu xejn minghandha. Dak li gara wara li dahlet il-girlfriend. Vera iffirmaw l-iskrittura imma Joseph qatt ma ried li jaghmel emenda. F' hames snin u nofs hi u Joseph qatt ma marru biex jemendaw xi haga. Kif involviet ruhha l-partner tieghu bejniethom inqala l-inwiet.

Illum hemm il-paci mal-genituri ta' Joseph, jitkellem maghhom. Qatt ma rceviet xi ittra minghand l-avukat tal-genituri ta' Joseph Farrugia biex thallashom il-flus.

Tixhed li skont il-kuntratt ta' separazzjoni d-dar hija taghha. Il-parte civile l- ewwel fethilha proceduri l-Qorti biex ma nbiehx id-dar pero' l-Qorti iddecidiet li setghet tbiegh u hi kellha tbiegha ghaliex flus ma kellha xejn. Tixhed ukoll li hija kienet baqghet thallas wehedha l-loan tad-dar. Meta beda' l-inkwiet bejneithom kien waqaf ihallas manteniment u kien waqaf ukoll jara lit-tfal.

Ikkunsidrat

Illi fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti. Illi l-parte civile, illum mejjet, Joseph Farrugia u Brigitte Gauci gja Farrugia (l-imputata) kienu mizzewgin. Huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 16 ta' Gunju 2016 pubblikat minn Nutar Dr. Joseph Debono. Permezz ta' dan il-kuntratt, debitament awtorizzat mill-Qorti tal-Familja Joseph Farrugia assenja lil martu l-propjeta' 78, Triq Leonardu Kirkop. Fl-istess gurnata huma ffirmaw skrittura bejniethom li fiha huma kienu ftehmu kif kellhom jaqsmu bejniethom il-flus wara li jithallasu d-dejn, mal-bank u Lm 15,000 dovut lil genituri ta' Joseph Farrugia. Din l-iskrittura kienet iffirmata mill-partijiet u minn Dr Mark Busuttil li kien l-avukat li kien qed jirrapprezenta z-zewgt partijiet fis-separazzjoni konsenenswali. Din l-iskrittura li kienet inzammet mill-avukat li kien ghamel notament li ma ghandiex tinhareg jekk mhux bil-kunsens tal-ffirmatarji tal-iskrittura.

Sussegwentement l-parte civile sar jaf li l-post inbiegh lil terzi minghajr il-kunsens tieghu. Wara li ha parir minghand avukat iehor, huwa mar jitlob ghal kopja tal-iskrittura

lil avukat Busuttil u darba minhom fejn kien hemm prezenti Joseph Farrugia, il-genituri tieghu Camela Farrugia u Pascal Farrugia u Carmen Knaus (il-partner ta' Joseph Farrugia) fost kommonzjoni u incident ta' vjolenza kommessa minn Carmen Knaus dan il-file u l-iskrittura gew f' idejn Joseph Farrugia. Il-verzjoni ta' kif ittiehed il-file moghtija minn Joseph Farrugia li qal li l-avukat tahulu bir-rabja u ta' Dr Mark Busuttil li xehed li dan ittihed waqt dan l-incident minghajr il-kunsens tieghu.

L-parte civile ghamel rapport lil pulizija biex jittiehdu proceduri kriminali kontra l-avukat u kontra l-imputata. Inizjalment l-pulizija iddecidew li ma kienx hemm kaz x' jitressaq. Saru procedure ta' Challenge lil Kummissarju tal-Pulziija kontemplata fl-artikolu 541 (1) tal-Kodici Kriminali fl-ismijiet "Joseph Farrrugia vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"[17] u permezz ta' dogriet tad-9 ta' Marzu 2016 il-Qorti Kriminali ddecidiet li filwaqt li fil-konfront tal-Avukat Dottor Mark Busuttil l-pulzija ma ghandhomx imexxu kontra l-intimat imsemmi, fil-konfront ta' Brigitte Farrugia (illum Gauci) ikkonfermat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati datata 24 ta' Lulju 2014[18] fejn ordnat il-l-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu azzjoni kriminali kif mitlub permezz tal-kwerela tal-parte civile.

Illi fil-mori tal-proceduri Joseph Farrugia gie nieqes u l-kawza hadet zvolta.

Il-genituri tal-parte civile Carmela Farrugia u Paskal Farrugia li skont l-iskrittura li tat lok ghal dawn il-proceduri kellhom jithallsu is-somma ta' Lm 15,000 xehdu fis-seduta tal-9 ta' Novembru 2021 li huma ma ghandhomx interess li jiehdu lura dawn il-flus u dan minhabba n-nepputijiet taghhom. Paskal Farrugia esprima x-xewqa li parti mill-flus (terz) li kien dovut lilhom jithallas lil nepputija ohra li ghandhom. Carmen u Paskal Farrugia xehedu li ghandhom relazzjoni tajba mal-imputata.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata giet akkuzata taht l-art 308 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti qed tikkunsidra li ma jexistux l-elementi rikjesti sabiex tinstab htija fil-konfront tal-imputata. Il-parte civile kien ben konsapevoli ta' dak li kien qed jiffirma u li kien il-kuntratt ta' separazzjoni personali awtorizzat mill-Qorti li kien jorbot il-partijiet u mhux skrittura ta' bejniethom li kienet tmur kontra dak li kien gie awtorizzat mill-Qorti. Illi kien biss wara li ghaddew s-snin u wara li tkellem mal-partner tieghu ta' dak

[17] Fol. 28 et seq
[18] Fol. 33 et seq

iz-zmien wara li sahansitra l-ewwel zwieg tieghu gie dikjarat null li fittex parir u mar ghand l-avukat u hekk kif istigat mill-partner tieghu ha l-file bl-aktar mod abbusiv.

Illi ma giex ipprovat li Brigitte Farrugia kellha l-intenzjoni li tikkometti reat.

Illi wara l-mewt tal-parte civile, l-genituri tieghu Carmen u Paskal Farrugia xehedu bil-gurament taghhom separatament li ma ghandhom ebda' interess f' dawn il-proceduri.

Il-Qorti wara li wieznet x-xhieda kollha li hemm ghad-dispozizzjoni taghha u d-dikjarazzjoni taht gurament tal-genituri tal-parte civile li kellhom interess li jihallsu lura ghal flus li sellfu ser tghaddi biex tiddeciedi li ma hemmx kaz kontra l-imputata Brigitte Gauci

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 309, 310 (1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikoli 18, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputata Brigitte Gauci mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u tilliberaha minn kull piena u htija.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**